Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Jean Paul Attard]

vs

Mahmoud Mustafa Mohammed Aldabah

Kumpilazzjoni Numru: 10032/2024

Illum, 15 ta' Mejju, 2025

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Mahmoud Mustafa Mohammed Aldabah** detentur tan-numru tal-Pulizija 24619 u/jew tal-passaport Libjan JFGGYH9 akkuzat talli fit-tmienja u ghoxrin (28)

ta' Dicembru 2024 ghall-habta tal-hdax ta' filghaxija (2300hrs), u/jew fis-sighat ta' qabel fi Triq is-Salini, Naxxar u/jew diversi nhawi fil-Gzejjer Maltin:

1. **Naqas milli jhares xi wahda, u/jew aktar minn wahda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u cioè il-Magistrat Dr. Ian Farrugia LL.D mid-digriet datat sittax (16) ta' Dicembru 2021 u li permezz tieghu huwa nghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet.**

   *Artikolu 579 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

2. **Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura tal-ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjoni EQZ209 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan.**

   *Artikolu 15 (1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta*

3. **Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura tal-ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjoni EQZ209 minghajr ma' kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ghal terzi persuni.**

*Artikolu 3 (1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta*

**Il-Qorti giet mitluba li titratta l-imputat bhala recediv *ai termini* tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huwa kien gie misjub hati u ikkundannat ghal reati, b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.**

**Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex id-depozitu u l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija ghandu jigi kkonfiskat fl-intier tieghu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skont kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat, u dan *ai termini* tal-Artikolu 579 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat l-ammissjoni libera u inkondizzjonata tal-imputat;

Rat il-fedina penali tal-imputat;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet taghha datat erbatax (14) t'April 2025 fejn gie ordnat ir-riarrest tal-imputat;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet datata sitta (6) ta' Mejju 2025.

## Ikkunsidrat

Illi xehed l-Ispettur Jean Paul Attard li pprezenta l-fedina penali tal-imputat, dettalji personali tal-imputat, rapport, filmat, erba' (4) stills, rapport bin-numru 8POL2357, affidavit ta' PS 649 J. Buhagiar, affidavit ta' PC 1505 C. Bugeja u zewg (2) DVDs.

Illi xehdet l-Ufficjal tal-Probation Donnalise Camilleri li pprezentat nota datata ghoxrin (20) ta' Jannar 2025. Tghid li b'zieda ma' din in-nota hi rceviet konferma mill-Agenzija Sedqa li din l-istess Agenzija sejra tikkomunika mal-akkuzat sabiex imexxu bir-referral. Tixhed ukoll li hi kellha tipprezenta pre-sentencing report rigward l-akkuzat izda dan ma setax isehh stante li l-istess akkuzat inghata tliet (3) opportunitajiet sabiex jattendi appuntament izda naqas milli jaghmel dan. Tghid ukoll li kienet qieghda tikkomunika mal-haddiema socjali tal-akkuzat u saret taf li l-akkuzat cahad dan is-servizz. Izzid tghid li d-darba li mar ghal test tal-awrina rrizulta fil-pozittiv ghas-sustanza tad-droga.

Illi xehdet **<u>Florence Apap</u>** li pprezentat rapport immarkat bhala Dok. FA1.

Illi xehdet **<u>Charmaine Zammit</u>** ghan-nom u inrapprezentanza tal-Epic Communications Limited u pprezentat Dok. CZ1.

Illi xehed **<u>Karim Raouf</u>** li pprezenta Dok. KR1.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi l-ammissjoni tal-imputat giet irregistrata fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Il-Qorti tosserva però li dan ma jfissirx li l-imputat ghandu jinghata *carte blanche* daqs li kieku qatt ma gara xejn. Il-Qorti ttennni li fl-ahhar mill-ahhar l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u dan wara li gie mgharraf bil-konsegwenzi ta' tali akkuzi.

Illi l-imputat wera li bl-ebda mod ma ried jottempera ruhu ma kwalunkwe ghajnuna lilu moghtija tul dawn il-proceduri. F'dan l-istadju ssir referenza ghal dak li l-Ufficjal tal-Probation Donnalise Camilleri rrimarkat fin-nota taghha a fol. 27 tal-atti processwali u

cioè li l-akkuzat naqas li jzomm mal-obbligi tieghu u mhux qieghed jikkopera mas-suggerimenti li qeghdin jinghatawlu.

Illi jigi rrimarkat li zgur mhux forsi li l-fatt li l-akkuzat, waqt li kien barra fuq helsien temporanju, inqabad isuq il-vettura mertu tal-kawza kif ukoll ikkawza hsarat gewwa l-parkegg tal-Greens Supermarket. Prova ta' dan l-akkadut tinsab fil-filmat esebit mill-espert Florence Apap tramite rapport immarkat bhala Dok. FA1.

Illi ghalhekk stante l-ammissjoni tal-imputat din il-Qorti sejra tiehu provvediment in linea ma' dak rakkomandat mill-Ufficjali tal-Probation.

**Ikkunsidrat**

Illi ghar-rigward il-piena l-Qorti ssostni u kwazi dejjem addottat it-teorija li l-gustizzja fil-kamp kriminali ghandha tkun wahda riformattiva ghall-akkuzat. Din it-teorija giet anke ppronunzjata fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Bonnici** deciza fil-25 ta' Marzu tas-sena 1975:

*"Din il-Qorti, minghajr bl-ebda mod ma tinsa l-htigijiet tar-ripressjoni tad-delinkwenza u tad-dixxiplina, temmen fil-probation u hi tal-fehma li f' Malta, bhal pajjizi ohra, hemm bzonn ta' izjed u mhux inqas probation u tawspika … li dan is-servizz pregjevoli … jigi amplifikat b' gusta mizura specjalment ghal dawk iz-zghazagh li ma kellhomx il-vantaggi li l-ohrajn kellhom fil-hajja."*

Illi l-istess inghad fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Zammit** deciza fl-4 ta' Frar tas-sena 1985:

*"Kif inhu ben risaput, ghalkemm is-socjeta` tirrikjedi xi tip ta' sodisfazzjon tar-reat li jkun wettaq l-individwu, bniedem li jkun qatta' perjodu sostanzjali ta' inkarcerazzjoni mhux lakemm titfghu lura fis-socjeta` biex ifendi ghal rasu: jinhtiglu diversi mezzi ta' ghajnuna, u mhux lanqas "guidance", sabiex tigi facilitate r-reintegrazzjoni tieghu fis-socjeta` u tigi assigurata r-riabilitazzjoni tieghu; ghalhekk l-importanza ta' sistema organizzat u koordinat ta' "after care"."*

Illi din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Dean Micallef**</u> deciza fil-11 ta' Lulju 2024 fejn inghad hekk:

> *"Illi din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija fit-12 ta' Dicembru 2022 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Nazzareno Caruana (Numru 45/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:*
>
> > *"Din il-gurisprudenza ormai ben kristallizzata u accettata in linea ta' principju fil-gurisprudenza taghna, tghallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ghandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-kazijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispozizzjonijiet tal-ligi. Dan il-principju kien gie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-kaz Il-Pulizija vs. Joseph Attard moghtija [...] fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:*

> *"Il-Qorti tal-Appell narament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-Ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mil-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi.""*

*Illi jkun opportun li jigi nnutat li l-piena ma ghandhiex l-iskop ta' tpattija minn naha tas-socjeta' kontra min iwettaq ir-reat izda ghandha l-iskop li teduka u tirriforma lill-hatja ta' reati halli dawn jkunu jistghu jergghu jigu reintegrati fis-socjeta' u b'hekk ikunu ta' kontribut ghas-socjeta'. B'hekk il-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni wkoll l-element retributtiv u l-element preventiv. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija fl-20 ta' Dicembru 2022 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Clifford Gatt Baldacchino (Numru 243/2019) fejn dwar il-principju tal-piena din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:*

*"12. [...] Dan peress li l-gustifikazzjoni tal-imposizzjoni tal-piena fl-ezercizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet principji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti principali, jigifieri l-effett:*

*(a) Retributtiv;*

*(b) Preventiv; u*

*(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena.*

*13. L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-gurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni għal kif kienet qabel ma sehhet il-hsara bil-kommissjoni tar-reat. Il-hati jrid jaghmel tajjeb ghall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paci u trankwillita' socjali.*

*14. L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi ghal biza' li s-sanzjoni li tkun tista' tinghata tohloq f'mohh il-persuni, b'mod li dak li jkun jerga' jahsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minhabba l-biza' li tehel*

*il-piena, persuna tigi mgieghla tixtarr sew il-konsegwenzi t'eghmilha qabel ma twettaq l-att kriminuz.*

*15. L-effett preventiv ghalhekk huwa duplici: wiehed ta' natura generali u l-iehor ta' natura specjali. L-effett preventiv generali huwa dak li bis-sahha tal-ligi penali li tistabbilixxi l-piena, l-kollettivita' tigi kemm jista' jkun mizmuma milli tikkommetti reati minhabba l-biza' li tinkorri fil-piena jekk tinstab hatja. Aktar ma' dik il-piena tigi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv generali jkun lahaq il-mira tieghu. L-aspett preventiv specjali huwa dak li japplika ghall-hati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'ohra jerga' jahsibha sew qabel ma jaghzel li jikser il-ligi. Jekk il-kollettivita' titlef din il-biza' mill-piena minhabba li l-ligi penali tibda titnaqqar fil-kwalita' jew kwantita' tal-piena jew inkella minhabba li l-pieni ma jigux applikati bir-rigorosita' dovuta ghall-fattispecie tal-kaz, allura ma jkun hemm xejn li jgieghel lill-kollettivita' milli tiddezisti ghax jekk tiddelinkwi minghajr konsegwenza jew b'konsegwenza zghira, isir konvenjenti ghall-kollettivita' li*

*tiddelinkwi. Dan iwassal ghal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti ghall-interessi tal-istess kollettivita'. Il-kollettivita' allura tehtieg li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaci mehtieg ghall-ezistenza pacifika tal-istess kollettivita'. Altrimenti, il-kollass.*

*16. Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkoncentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-htija specifika tal-hati u li ghaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-hati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa krucjali ghall-kollettivita' in kwantu jghin lill-hati jghaddi minn process ta' riforma tieghu innifsu biex jghinu jinqata' mir-ragunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jaghraf iqum fuq saqajh, billi jibni hajtu mill-gdid u ma jibqax aktar ta' theddida ghas-socjeta' bhal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa."*

…

*Illi mehud in konsiderazzjoni dak kollu li nghad hawn fuq, din il-Qorti ma tantx ghandha aktar xi tghid ghajr li l-piena hekk kif erogata mill-Ewwel Qorti taqa' sewwasew fil-parametri tal-piena ghall-imputazzjonijiet li taghhom l-appellant instab hati. Il-Qorti zzid tghid li l-piena mposta mill-Ewwel Qorti fuq l-appellant kienet wahda legalment u ragonevolment valida, mhux "manifestly excessive" u tirrispekja l-imputazzjonijiet li taghhom huwa nstab hati. Il-Qorti hija tal-fehma li ma tezisti l-ebda raguni li tista' twassalha sabiex titbieghed mid-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kalibrazzjoni tal-piena minnha maghmula, liema piena ghalhekk ghandha tibqa' invarjata."*

Illi din il-Qorti sejra taghmel taghha r-ragunament ta' din is-sentenza.

Illi indubjament huwa evidenti li l-imputat odjern kemm-il darba nghata opportunità wara ohra sabiex jibda jirriforma ruhu u dan minn mindu li bdew dawn il-proceduri. Illi madanakollu jidher illi

huwa m'ghandu l-ebda interess li jiehu l-injizjattiva u juri l-affidabilità tieghu li jista' jkun afdat fis-socjetà. Prova cara ta' dan huwa l-fatt li l-Ufficjal tal-Probation uriet nuqqas ta' fiducja u dizappunt fl-akkuzat stante li naqas milli jzomm l-appuntamenti tieghu. Ikun iktar xieraq li s-servizz socjali jintuzaw minn min ghandu l-iktar bzonn u rieda li jinqeda bihom.

Illi ghalhekk hija fl-umli fehma ta' din il-Qorti li piena karcerarja effettiva hija wahda idonea sabiex issehh il-gustizzja.

Illi l-Qorti sejra tapplika dak li gie pronuncjat fis-sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Joseph Omar Trabelsi</u>** datata disgha (9) ta' Mejju 2025. Din is-sentenza tghid hekk:

> *"Kif gie ripetutament stabbilit u konfermat mil-gurisprudenza tagħna "mhux kull ksur jitqies fuq l-istess livell ta' gravita. Dan il-kuncett huwa rifless kemm fil-Ligi kif ukoll fil-gurisprudenza. Apparti minn hekk kwalunkwe piena inflitta wara sejbien ta' htija ghar-reat imsemmi fl-*

*artikolu 579(2)(3) tal-Kodici Kriminali trid jirrifletti din il gravita u tkun proporzjonata ghall-istess.*

*Qabel xejn, il-bazi legali l-izjed diretta u soda f'dan il-kaz tohrog mill-artikolu 579(1) kif ukoll fl-artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali. Dan peress li meta l-Qorti tkun affaccjata bl-azzjoni taht l-artikolu 579(1) tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ghandha element ta' diskrezzjoni dwar il-mizuri li tista' timponi skont kif jidher mill-proviso ghall-istess:*

*Izda l-Qorti tista' tiddeciedi li ma tapplikax id-dispozizzjonijiet ta' dan is-subartikolu jew li ma tapplikahomx fl-intier taghhom meta l-qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjoni imposta fid-digriet li bih jinghata l-helsien mill-arrest ma hiex ta' konsegwenza serja.*

*Hawnhekk il-Ligi qeghda tiprospetta xenarji fejn il-ksur tal-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest ma jkunux ta' konsegwenza serja in kontrapposizzjoni allura ghal fejn jista' jkun hemm ksur li jkollu konsegwenza serja. Id-*

*decizjoni dwar in-natura u l-entita ta' tali konsegwenza hija kwistjoni rimessi ghall-prudenza tal-Gudikant. Din l-idea hija wkoll riflessa fl-artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali fejn jinghad illi:*

> *(2) Kull persuna li tonqos milli thares xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet taghha li bih taghti l-helsien mill-arrest taht garanzija tkun hatja ta' reat u tehel, meta tinsab hatja, il-piena ta' multa jew ta' prigunerija ghal zmien ta' erba' xhur sa sentejn, jew ghal multa u prigunerija flimkien u l-Qorti ghandha tordna li l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija ghandu jigi konfiskat fl-intier tieghu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skont kif il-Qorti tgis il-gravità tar-reat.*

*Skont kif il-Qorti tqis il-gravita' tar-reat tindika wkoll li r-reat imsemmi f'dan is-subartikolu jista' jkollu livelli ta' gravita' differenti. Ghalkemm fi kliem differenti, l-idea, essenzjalment tibqa' l-istess. Mhux kull ksur tal-*

*kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest iwassal ghall-istess konsegwenza in kwantu mhux kull ksur jista' jitqies li jirrendi r-reat fuq l-istess livell ta' gravita'. Ghal darb'ohra, hija l-Qorti li ghandha s-setgha tiddeciedi li tqis il-gravita' tar-reat.*

*Anke l-gurisprudenza kemm ricenti kif ukoll dik anqas ricenti, inkluz dik citata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza taghha, tishaq fuq dan l-element ta' gradwatorja ta' gravita'. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Francis Formosa** deciz nhar il-25 ta' Frar 2015 intqal is-segwenti:*

> *L-appellant irid jigi mfakkar l-ewwelnett illi l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest mhumiex moghtija ghalxejn, u filwaqt illi l-ghan principali taghhom huwa biex jassiguraw illi dak li jkun jidher il-Qorti kull meta jigi jitlub jaghmel dan, hemm kundizzjonijiet li dwarhom isiru konsiderazzjonijiet ohra, per ezempju biex jigi assigurat li xhieda ma jigux avvicinati. Irid jigi mfakkar ukoll illi d-digrieti*

*tal-Qorti, u f'dan il-kaz il-kundizzjonijiet li tahthom gie akkordat il-helsien mill-arrest imsemmi ta' l-1 ta' Settembru 2014 u li huwa obbliga ruhu li joqghod ghalihom bil-firma tad-dikjarazzjoni appozita, ghandhom jigu osservati skrupolozament u ad litteram. Naturalment il piena konsegwenzjali ghall-ksur ta' tali kundizzjonijiet ghandha tkun proporzjonata ghall-ksur.*

*Fil-kaz deciz mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Gatt vs Malta** fis-27 ta' Lulju 2010 (finali fis-27 ta' Ottubru 2010) fejn l-imsemmi Gatt kien kiser il-kundizzjoni ta' curfew f'okkazjoni wahda u gie applikat l-artiku 579(1) tal-Kap. 9 li permezz tieghu gie revokat il-helsien mill-arrest u kkundannat ihallas il-garanzija totali ta' €23,300 liema somma ma hallasx u giet konvertita f'detenzjoni skond 1- artikolu 586 tal-Kap. 9, dik il-Qorti osservat:*

*"The Court observes that Maltese law, in respect of the circumstances in which a bail bond will be*

*forfeited to the Government as a result of a failure to observe bail conditions (Article 579 of the CC), makes no distinction between conditions related to the primary purpose of bail, namely appearance at the trial, and conditions related to other considerations. However, it gave the authorities discretion not to apply the said provision if the breach of conditions was not of a serious nature. In the present case, where the condition breached referred to a curfew and was not connected to the primary purpose of granting bail, the Court has difficulty in understanding the authorities' decision to apply the relevant Article."*

**Ikkunsidrat**

Illi ghandu jigi nnutat li huwa minnu li l-akkuzat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu, izda din il-Qorti m'ghandhiex in atti kopja tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest datat sittax (16) ta' Dicembru 2021. Ghalhekk din il-Qorti mhix sejra tordna l-konfiska tal-ammont depozitat ghall-helsien

mill-arrest stante li tali ammont ma giex indikat tramite kopja legali tal-istess kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest.

Illi *di più* l-Qorti sejra tapplika dak li jistipula l-Artikolu 3 subinciz (2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta:

> *"Kull min jinstab hati ta' reat taht dan l-artikolu ghandu (hlief jekk il-qorti ghal ragunijiet specjali tikkunsidra li tordna mod iehor u minghajr pregudizzju ghas-setgha tal-qorti li tordna zmien itwal ta' skwalifika) jigi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb licenza tas-sewqan ghal zmien ta' tnax-il xahar mid-data li jkun gie misjub hati"*

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50 u 579 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 3 (1) (2)(a) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat **Mahmoud Mustafa Mohammed Aldabah** hati tal-akkuzi kollha kif

dedotti kontrih fuq ammissjoni u tikkundannah ghal piena ta' tmien (8) xhur prigunerija effettivi.

Inoltrè ai termini tal-Artikolu 3 (2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tiskwalifika lill-akkuzat **Mahmoud Mustafa Mohammed Aldabah** milli jikseb jew ikollu licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' tnax (12)-il xahar.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**